

Brussell, 22 ta' Novembru 2024
(OR. en)

15143/24

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0396(COD)

LIMITE

TRANS 466
CODEC 2047

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.: 12831/24	
Nru dok. Cion: 15200/23 + ADD1	
Suġġett:	Tħejjija tal-laqgħa tal-Kunsill (<u>Trasport</u>, Telekomunikazzjoni u Enerġija) tal-5 ta' Diċembru 2024 Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/106/KEE fir-rigward ta' qafas ta' appoġġ għat-trasport intermodali tal-merkanzija u r-Regolament (UE) 2020/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kalkolu tal-iffrankar tal-kostijiet esterni u l-ġenerazzjoni ta' data aggregata – Rapport ta' progress

I. INTRODUZZJONI

1. Fis-7 ta' Novembru 2023, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta msemmija hawn fuq (minn hawn 'il quddiem "id-Direttiva dwar it-Trasport Ikkombinat") lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Il-proposta kienet l-aħħar parti tal-pakkett leġiżlattiv dwar l-Ekoloġizzazzjoni tat-Trasport tal-Merkanzija¹ ppreżentat f'Lulju 2023 fil-kuntest tal-Istrateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti.²

¹ ST 11856/23

² [Strateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti – inqiegħdu t-trasport Ewropew fit-triq it-tajba għall-futur.](#)

2. It-tliet proposti l-oħra fil-pakkett jinkludu reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Piżijiet u d-Dimensjonijiet għal ċerti vetturi tat-triq, abbozz ta' Regolament dwar il-kontabbiltà tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport ("CountEmissions EU") u abbozz ta' Regolament dwar l-użu tal-kapaċità infrastrutturali ferrovjarja fiż-żona ferrovjarja unika Ewropea.
3. Id-Direttiva dwar it-Trasport Ikkombinat tipproponi li temenda d-Direttiva tal-1992 attwalment fis-sehħ³ billi tinċentiva bidla akbar fit-trasport tal-merkanzija bit-triq lejn trasport intermodali li jikkombina l-prestazzjoni ambjentali aħjar u l-effiċjenza enerġetika tal-ferroviji, tal-passaġġi fuq l-ilma interni u tat-trasport marittimu fuq distanzi qosra mal-aċċessibbiltà u l-flessibbiltà tat-trasport bit-triq. L-oġettiv huwa li t-trasport intermodali jsir aktar attraenti għall-operaturi ekonomiċi filwaqt li jitnaqqsu l-kostijiet esterni negattivi, bħall-emissjonijiet ta' gassijiet serra, it-tniġġis tal-arja, il-konġestjoni u l-inċidenti tat-traffiku fit-toroq.
4. Element ewlieni lejn dan l-oġettiv huwa d-definizzjoni l-ġdida proposta ta' "operazzjoni ta' trasport ikkombinat" mifhuma bħala "operazzjoni ta' trasport intermodali" li tikkonforma ma' ċerti kundizzjonijiet u titwettaq fit-territorju tal-Unjoni. L-issodisfar ta' dawn il-kundizzjonijiet kif stabbiliti fil-proposta jagħmel l-operazzjoni eliġibbli għal firxa ta' inċentivi għall-UE kollha kif ukoll għal miżuri ta' appoġġ nazzjonali.
5. F'termini ta' diġitalizzazzjoni, id-Direttiva dwar it-Trasport Ikkombinat tipproponi li jiġi emendat ir-Regolament (UE) 2020/1056 dwar l-informazzjoni elettronika dwar it-trasport tal-merkanzija⁴ (minn hawn 'il quddiem "eFTI"), sabiex il-pjattaformi tal-eFTI jkunu jistgħu jintużaw biex jikkalkulaw l-eliġibbiltà u jiġbru d-data aggregata dwar l-iżvilupp ekonomiku tas-settur. Barra minn hekk, il-proposta tistabbilixxi regoli dwar ir-rekwiżiti ta' trasparenza għat-terminals tat-trażbord biex jiġi ffaċilitat aktar it-trasport intermodali.
6. Id-Direttiva dwar it-Trasport Ikkombinat hija t-tielet tentattiv biex tiġi emendata d-direttiva tal-1992, li hija meqjusa skaduta u limitata fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha. Il-proposti tal-Kummissjoni għal reviżjoni tal-att legali fl-1998 u fl-2017 ġew irtirati sussegwentement.

³ Id-Direttiva tal-Kunsill 92/106/KEE tas-7 ta' Diċembru 1992 dwar l-istabbiliment ta' regoli komuni għal ċerti tipi ta' trasport ikkombinat ta' merkanzija bejn l-Istati Membri, *ĠU L 368*, 17.12.1992, p. 38-42.

⁴ Ir-Regolament (UE) 2020/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2020 dwar l-informazzjoni elettronika dwar it-trasport tal-merkanzija, *ĠU L 249*, 31.7.2020, p. 33-48.

II. ĦIDMA FL-ISTITUZZJONIJIET L-OĦRA

7. Il-Parlament Ewropew ħatar lill-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (TRAN) bħala l-kumitat responsabbli. Fit-13 ta' Settembru 2024, il-Kumitat TRAN ħatar lis-Sur Flavio Tosi (PPE, IT) bħala rapporteur. Huwa ssostitwixxa r-rapporteur preċedenti Massimiliano SALINI (PPE, IT) li kien ippubblika dokument ta' hidma⁵ b'rakkomandazzjonijiet fl-1 ta' Marzu 2024.
8. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu⁶ fil-585 sessjoni plenarja tiegħu tal-14 ta' Frar 2024. Il-Kumitat tar-Reġjuni adotta l-opinjoni tiegħu⁷ fil-159 sessjoni plenarja tiegħu, tal-31 ta' Jannar u l-1 ta' Frar 2024.

III. ĦIDMA FIL-KUNSILL

9. Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta u l-valutazzjoni tal-impatt tagħha lill-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport - Kwistjonijiet Intermodali u Networks fis-17 ta' Novembru 2023 taħt il-Presidenza Spanjola.
10. Il-Presidenza Belġjana eżaminat il-proposta fil-fond fi ħdax-il laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma b'seba' testi ta' kompromess, u ppreżentat rapport ta' progress lill-Kunsill fit-18 ta' Ġunju 2024⁸.
11. Il-Presidenza Ungeriża kompliet bl-eżami tal-fajl fil-Grupp ta' Ħidma fl-10 ta' Settembru u l-1 ta' Ottubru 2024. Il-Presidenza kellha diskussjoni fil-Coreper għal aktar gwida fis-16 ta' Ottubru 2024.

⁵ https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TRAN-DT-759727_EN.pdf

⁶ ST 10705/24

⁷ ST 06311/24

⁸ ST 10275/24

IV. ĦIDMA LEJN KOMPROMESS

12. Il-Preżidenza Ungeriża bdiet taħdem fuq il-fajl billi esplorat approċċ aktar flessibbli, b'kont meħud tal-fehmiet differenti tal-Istati Membri. Kien ċar li d-definizzjoni l-għdida ta' trasport ikkombinat fil-proposta tal-Kummissjoni bbażata fuq limitu ta' mill-inqas 40 % ta' ffrankar tal-kostijiet esterni ma kinitx ser tikseb biżżejjed appoġġ. L-aħħar kompromess taħt il-Preżidenza Belġjana li jistabbilixxi rekwiżit għal minimu ta' 50 % trasport mhux bit-triq kien apprezzat minn xi delegazzjonijiet, iżda għal darb'oħra ma għabrx biżżejjed appoġġ. Fl-istess ħin, xi delegazzjonijiet kienu qed jitolbu limitu fiss ta' distanza fuq il-parti bit-triq tal-vjaġġ, b'ċerti delegazzjonijiet jissuġġerixxu li wieħed imur lura għad-definizzjoni fl-approċċ ġenerali tal-Kunsill tal-2018 fejn dak il-limitu kien stabbilit għal 150 km.⁹
13. Bħala l-ewwel pass, il-Preżidenza ppreżentat dokument ta' diskussjoni b'żewġ opzjonijiet minbarra r-rekwiżit ta' mill-inqas 50 % tat-trasport mhux bit-triq. L-ewwel opzjoni introduċiet limitu massimu ta' 150 km fuq il-parti tal-vjaġġ bit-triq b'eżenzjonijiet biex jintlaħaq l-eqreb terminal xieraq tat-trażbord. It-tieni opzjoni ssuġġeriet li l-limitu ta' 150 km fuq il-parti tal-vjaġġ bit-triq jinżamm biss għall-konnessjonijiet bit-triq u fuq l-ilma, b'mod simili għar-regoli attwali. Dwar il-konnessjonijiet bit-triq u bil-ferrovija, issuġġeriet li l-Istati Membri jingħataw il-flessibbiltà li jistabbilixxu diversi meded ta' distanza għall-parti tal-vjaġġ bit-triq u jiddeċiedu kif xieraq liema inċentivi għandhom japplikaw. L-għan kien li jinstab kompromess li jirrifletti ċ-ċirkostanzi ġeografiċi differenti u l-infrastruttura loġistika fl-Istati Membri. Madankollu, ħafna delegazzjonijiet sabu t-tieni opzjoni kumplessa wisq biex tiġi implimentata, b'riskju potenzjali ta' frammentazzjoni tar-regoli madwar l-Unjoni.
14. Imbagħad, il-Preżidenza pproponiet test ta' kompromess dwar l-artikoli kollha. Rigward il-kwistjoni ewlenija tal-kamp ta' applikazzjoni tat-trasport ikkombinat, il-kompromess kien ibbażat fuq l-ewwel opzjoni tad-dokument ta' diskussjoni, jiġifieri minimu ta' 50 % trasport mhux bit-triq u limitu ta' distanza ta' 150 km fuq il-parti tal-vjaġġ bit-triq. Ġie introdott sett definit sew ta' kundizzjonijiet, li jiċċara meta l-limitu massimu tal-parti tal-vjaġġ bit-triq jista' jinqabeż.

⁹ ST 15147/18

15. Barra minn hekk, il-Presidenza esplorat modi kif tissolva l-kwistjoni tal-pjattaformi diġitali għall-verifika tal-eliġibbiltà meta tiġi pplanata operazzjoni ta' trasport ikkombinat u bħala prova ta' konformità fil-kontrolli mal-ġenb tat-triq. Is-suġġeriment inizjali għal pjattaforma ta' ġeokodifikazzjoni diġitali temporanja li għandha tiġi żviluppata mill-Kummissjoni tqies kumpless u mhux meħtieġ minn ħafna delegazzjonijiet. Konsegwentement, fil-kompromess tagħha l-Presidenza inkludiet klawżola ta' salvagwardja li żgurat li l-organizzaturi tat-trasport ikkombinat ma jkollhomx għalfejn jużaw pjattaformi tal-eFTI sakemm għadd suffiċjenti ta' fornituri ta' servizzi tal-pjattaforma tal-eFTI jkunu ġew iċċertifikati għall-funzjonalitajiet il-ġodda meħtieġa.
16. Barra minn hekk, il-Presidenza emendat id-dispożizzjonijiet dwar l-oqfsa ta' politika nazzjonali għall-faċilitazzjoni tal-użu tat-trasport ikkombinat, filwaqt li ċċarat, fost affarijiet oħra, in-natura volontarja u ambizzjuża tal-mira li jitnaqqsu l-kostijiet totali tal-operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat.
17. Il-Presidenza ppruvat ukoll issib soluzzjoni adatta rigward id-dispożizzjoni li teżenta vetturi li jwettqu partijiet tal-vjaġġ bit-triq ta' operazzjonijiet ta' trasport ikkombinat mill-projbizzjonijiet tas-sewqan billi pproponiet diversi derogi.
18. Fil-Grupp ta' Ħidma, il-kompromess tal-Presidenza wassal għal reazzjonijiet imħallta. Konsegwentement, il-Presidenza kkonkludiet li sabiex isir progress dwar il-proposta, l-ewwel kellha tiġi ċċarata d-definizzjoni ta' trasport ikkombinat, peress li din tiddetermina l-eliġibbiltà għal inċentivi u miżuri ta' appoġġ.
19. Għaldaqstant, il-Presidenza ddeċidiet li titlob gwida mill-Coreper b'żewġ mistoqsijiet: l-ewwel waħda dwar jekk kombinazzjoni ta' minimu ta' 50 % ta' trasport mhux bit-triq u limitu ta' distanza fuq il-parti tal-vjaġġ bit-triq, bħal 150 km, tistax tiffurma bażi għal definizzjoni; it-tieni waħda dwar jekk humiex meħtieġa eċċezzjonijiet li jipprevedu sitwazzjonijiet speċifiċi. L-eżitu tad-diskussjoni tal-Coreper wera li l-fehmiet tal-Istati Membri dwar il-kamp ta' applikazzjoni tat-trasport ikkombinat għadhom diverġenti, b'xi wħud ferm favur limitu fiss ta' parti tal-vjaġġi bit-triq, oħrajn jippreferu l-approċċ ta' sehem perċentwali, u t-tielet grupp lest li juri flessibbiltà. Barra minn hekk, għadd ta' Stati Membri qiesu li l-użu tal-pjattaformi tal-eFTI għall-organizzaturi tat-trasport ikkombinat huwa prematur.

20. Hija meħtieġa aktar ħidma biex jinstab kompromess dwar il-kwistjonijiet pendenti. Għal xi Stati Membri, l-inċentivi li jinkoraġġixxu l-konnessjonijiet ferrovjarji tal-merkanzija huma essenzjali. F'dan ir-rigward, jistgħu jiġu esplorati dispożizzjonijiet separati għal operazzjonijiet li jinvolvu t-trażbord bit-triq u bil-ferrovija u għal operazzjonijiet li jinvolvu t-trażbord fuq l-ilma u bit-triq dment li tali approċċ jista' jiżgura ċertezza legali u ma jwassalx għal frammentazzjoni. Fl-istess ħin, l-Istati Membri għejjer jenfasizzaw l-importanza li jinżammu d-dispożizzjonijiet proposti dwar it-trasport intermodali sostenibbli bejn il-għejjer u l-Istati Membri għejjer u l-kontinent.

V. **KONKLUŻJONI**

21. Il-Coreper, wara l-laqgħa tiegħu tas-27 ta' Novembru 2024, jistieden lill-Kunsill jieħu nota tar-rapport ta' progress fir-rigward tal-ħidma fuq ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar it-Trasport Ikkombinat.
-